# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 19 ta` Settembru, 2017.**

**Talba Nru: 460/2016PA**

**Customs and Freight Agency Limited**

**vs**

**Saviour Cilia u Simon Cilia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fid-19 ta` Ottubru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi ppremettiet li provdiet servizz lill-intimati kif mitluba minnhom, jew min minnhom, kif jidher mill-fatturi annessi mal-Avviżi, u li jammontaw b'kollox għas-somma mitluba ta` tlett elef, seba' mija, erbgħa u sittin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€3,764.20c); u li għalkemm ġew interpellati diversi drabi biex iħallsu l-ammont mitlub, il-konvenuti baqgħu inadempjenti. Is-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, iħallsuħa s-somma mitluba, bl-ispejjeż inklużi dawk

tal-ittra interpellatorja tas-16 ta` Gunju 2016, u tal-ittra uffiċjali eżekuttiva tad-19 ta` Lulju 2016, bl-imgħax mid-data meta l-ammont mitlub sar davout sad-data tal-ħlas.

Ra d-dokumenti anness mal-Avviż tat-Talba, senjatament tlett fatturi[1] maħruġa mis-soċjeta` attriċi lil Rex Shoe Store, waħda datata 14 ta` April 2016 għall-prezz ta` trasport ta` għamara mill-Belt sal-imħażen f'Ta` Kandja, inkluż spejjeż ta` permessi u servizz ta` ġarr, oħra datata 14 ta` Ġunju 2016 għall-prezz tal-ħażna tal-għamara għal ħames xhur, u għas-servizz tal-qirda tagħha, u l-aħħar waħda datata 7 ta` Settembru 2016 għall-ħażna tagħha sa Settembru 2016. B'kollox, dawn il-fatturi jammontaw għas-somma mitluba f'din il-kawża. Is-soċjeta` attriċi ppreżentat ukoll kopja tal-ittra legali, u tal-ittra uffiċjali eżekuttiva msemmija minnha fl-Avviż tat-Talba. B'dawn iż-żewġ interpellanzi, is-soċjeta` attriċi talbet ħlas fis-somma ta` €2,702.20c mingħand il-konvenuti, *oltre* l-ħlas tal-ispejjeż.

Ra r-Risposta tal-konvenuti ppreżentata fis-7 ta` Novembru 2016 li permezz tagħha eċċepew li (i) is-soċjeta` attriċi għandha tipprova r-relazzjoni ġuridika tagħha mal-konvenuti; u (ii) huma ma għandhomx jagħtu l-ammont reklamat billi dan ma ġiex miftiehem magħhom, u wisq anqas aċċettat minnhom, u konsegwentement la huwa dovut minnhom u lanqas eżiġibbli mingħandhom.

Sema' x-xiehda tal-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tagħhom.

Ikkunsidra li:

Din il-kwistjoni tirrigwardja kuntratt ta` ġarr, u ħażna ta` għamara, li s-soċjeta` attriċi tippretendi li kellha mal-konvenuti Saviour Cilia u ibnu Simon Cilia. Da parti tagħhom, il-linja difensjonali prinċipali tal-konvenuti hija li din il-kuntrattazzjoni kienet *res inter alios aċta* fil-konfront tagħhom, għaliex ma saritx magħhom, imma ma', u fl-

[1] Dok. A sa Ċ, fol. 4 sa 6

interess ta`, terża persuna ta` nazzjonalita` Taljana li xtrat mingħandhom l-għamara li ġarret, u ħażnet, is-soċjeta` attriċi.

**Christopher Grech**[2], burdnar mas-soċjeta` Fridas Limited, xehed li qabel il-Milied tas-sena 2015 kien tqabbad iġorr għamara residenzjali, mimli żewġ trakkijiet, minn fond fi Triq San Ġwann, il-Belt, sad-*depot* tas-soċjeta` attriċi f'Ta` Kandja, is-Siġġiewi. L-għamara għabbewha ġo *ċontainer* għaliex kienet ser tintbagħat barra minn Malta. Qal li ħu kien preżenti meta s-soċjeta` attriċi ħadet l-għamara mill-fond fil-Belt, flimkien ma' lavranti oħra ta` Fridas Limited, Kevin Attard għas-soċjeta` attriċi, u ż-żewġ konvenuti. Qal li l-għamara nizzluha minn fejn kienet għal ġo trakkijiet magħluqa bil-*lifter*, u mbagħad ġarrewha fl-istess trakkijiet magħluqa.

Xehed ukoll **Gordon Grech**[3], lavrant ieħor ta` Frida Transport, li kkonferma l-verżjoni tal-fatti mogħtija mix-xhud Christopħer Grech. Anke hu kien preżenti meta s-soċjeta` attriċi ġarret l-għamara mill-Belt għal Ta` Kandja, fis-Siġġiewi.

Fl-affidavit[4] tiegħu, **Kevin Attard**, direttur tas-soċjeta` attriċi spjega li f'Novembru 2015 kien ċempillu l-konvenut Simon Cilia u talbu jmur ikellmu fil-ħanut Rex Shoe Store, fil-Belt Valletta, minħabba li kellu bżonn servizz ta` ġarr ta` għamara minn residenza sovrapposta għall-ħanut li kienet proprjeta` tad-Dipartiment tal-Art, u li kellu żmien biex jiżgombra minnha.

Attard qal li, meta mar f'dan il-ħanut, talab u tela' jara l-appartament minn fejn kellha tinġarr l-għamara. Qal li hemm iltaqa' mal-konvenut l-ieħor Saviour Cilia, li kien sid l-għamara u l-affarijiet kollha li kien hemm fl-appartament. Cilia infurmawh li l-għamara kienet qed tinbiegħ lil ċerta Kristina Kramer, ta` nazzjonalita` Taljana, u ntalab jagħti stima dettaljata tal-prezz biex l-għamara titniżżel mill-appartament, u titgħabba biex tinġarr lejn l-Italja.

---

[2] Ara xiehda, 25.1.2017, fol. 19 u 20
[3] Ara xiehda, 25.1.2017, fol. 21 u 22
[4] Fol. 24 sa 25

Attard produċa kopja tal-istima li kien għadda lill-konvenut Simon Cilia, flimkien mal-korrispondenża li għaddiet bejniethom u li fiha l-konvenut Simon Cilia għaddhielu l-indirizz fejn kellha tintbagħat l-għamara. Qal li Cilia kien infurmah li kienu qed jistennew lil Kramer tiġi Malta biex jiffinalizżżaw kollox.

Attard kompla jgħid li, xi żmien wara, il-konvenut Simon Cilia kien reġa' ċempillu biex imur għandu ħalli jiffinalizżżaw, u meta ltaqgħu, attendiet ukoll Kramer u ftiehmu li l-operazzjoni kellha ssir fis-7 ta` Diċembru 2015 fil-5:30am. Kramer qalet li ma setgħetx tirċievi l-għamara qabel l-ewwel ġimgħa ta` Jannar, u Attard jgħid li offra li jippakkja l-għamara u jgħabbiha, pero' jistenna sal-ewwel ġimgħa ta` Jannar qabel jibgħatha l-Italja fl-indirizz li tah il-konvenut Simon Cilia.

Skond Attard, wara li ħa għandu l-għamara, ħadd ma kellmu u f'Jannar beda jiġri wara l-konvenut Simon Cilia biex jara setax jibgħatha l-Italja. Il-konvenut Simon Cilia qallu li lil Kramer ma setax jaqbadha, u baqgħu sejrin hekk sakemm f'April 2016 Cilia qallu li kienet qed taqtagħlu t-telefon u x-xhud ħatt l-għamara mill-*container* għal ġol-imħażen tagħhom. Attard jgħid li, f'dak il-punt, kien bagħat fattura lill-konvenuti fl-indirizz tal-ħanut Rex Shoe Store tas-servizzi mogħtija sa dakinhar, pero' l-fattura intbagħtet lura lilu. Qal li pprova kemm-il darba jibgħat il-kont, u filwaqt li l-konvenut Simon Cilia kien propens li jħallas minn butu, għalkemm qallu li ma kellux x'jaqsam, il-konvenut l-ieħor Savour Cilia qallu li l-għamara ma kellux x'jambiha u s-soċjeta` attriċi setgħet teqridha, u li hu ma kien obbligat iħallas xejn.

Attard qal fl-aħħarnett li Saviour Cilia kien bagħatlu struzzjoni biex l-għamara jeqridha, pero' s-soċjeta` attriċi dan m'għamlitux billi baqgħet ma tħallsitx ta` xogħolha, l-għamara ma kinetx tagħha, u ħadd ma offra li jħallas l-ispiża tal-qirda.

In kontro-eżami[5], Kevin Attard ikkonferma li l-istima tal-prezz tal-ġarr tal-għamara mill-Belt għal Ta` Kandja kien talabhielu l-konvenut Simon Cilia. Ikkonferma wkoll li l-konvenuti kienu talbuh imur jara l-għamara fil-post tagħhom, wara li kien ġa

[5] 13.6.2017, fol. 49 *et seq.*

jafhom fuq xogħol ieħor. L-istima li ntalab jagħti kienet għal xogħol ta` ġarr sakemm l-għamara u l-mobbli jitwasslu l-Italja. Billi l-indirizz kien għadu mhux magħruf, l-istima kienet approssimattiva.

Dwar ma' min ikkuntrattat is-soċjeta` attriċi, u min assuma l-obbligu li jħallasha tax-xogħol ta` ġarr, Kevin Attard reġa' qal li huwa dejjem fehem li s-soċjeta` attriċi kellha x'taqsam biss mal-konvenuti, kemm għall-inkarigu u anke għall-ħlas, anke jekk jgħid li kien fehem ukoll li l-ispiża tal-ġarr mill-imħażen tagħhom għall-Italja kellha tbatiha Kramer, li għamlet anke tentattiv biex is-soċjeta` attriċi tagħtiha skont fuq l-ispiża tal-ġarr u l-magazzinaġġ.

Kevin Attard żied jgħid li l-għamara s-soċjeta` attriċi għadha żżommha, għaliex ma kinetx komda tiddistruġġiha, anke minħabba li *'s-sinjuri Cilia ma kienux qed jaqblu bejniethom għaliex kien hemm wieħed li ried iħallasna u ieħor li ma riedx iħallasna'*. [6] Qal ukoll li marru xi reġettiera għand is-soċjeta` attriċi biex jixtru l-għamara, pero' ħadd minnhom ma ftiehem mal-konvenuti.

Fix-xiehda tiegħu[7], il-konvenut **Simon Cilia** ddikjara li missieru kien ġie żgumbrat minn post tal-*Housing Authority* li kien jokkupa fuq il-ħanut *Rex Shoe Store*, fi Triq San Ġwann, il-Belt Valletta. Wara talbiet tax-xhud, l-Awtorita` kienet tat żmien sal-aħħar tas-sena 2015 sabiex jitbattal dan il-fond. F'xi żmien kienet marret fil-ħanut ta` missieru ċertu Kristina Kramer, telgħet tara l-għamara u l-mobbli li kien hemm f'dan il-post, u wriet interess li tixtri kollox, jekk l-għamara tintbagħat Reggio Calabria. Qal li missieru ried li jqabbdu lil min jagħmel dan ix-xogħol ta` Ġarr, u b'hekk ġiet li hu kkomunika ma' Kevin Attard għas-soċjeta` attriċi, għaliex ġieli kien ġabilhom xogħol minn Sqallija.

Simon Cilia qal li kien hemm okkażjoni meta huwa, Kevin Attard u Kristina Kramer imxewha mill-ħanut ta` missieru sa Kastilja biex jaraw minn fejn is-soċjeta`

---

[6] Fol. 25

[7] 28.3.2017, fol. 42 *et seq.*

attriċi kienet ser tgħaddi bl-għamara u l-mobbli fil-kors tat-traġitt. Qal ukoll li kien hemm laqgħa oħra bejniethom fil-ħanut ta` missieru, fejn iddiskutew il-prezz ta` dan is-servizz. Skond ix-xhud, meta Kristina Kramer indunat kemm kienet ser titla' l-ispiża tal-ġarr, u l-magazzinaġġ, tal-għamara, inħasdet u ma bdietx tirrispondi t-telefonati tiegħu.

Mistoqsi fuq inizjattiva ta` min sar dan il-ġar, Simon Cilia xehed ċar li '*l-papa' kien jaf illi s-sur Attard kien ġej u ser iniżżel l-affarijiet u kien ġab il-permessi biex iġorr l-affarijiet minn ġo l-appartament. Is-sinjura Kramer qatt ma kienet preżenti waqt il-ġarr. Kien hemm żgur darbtejn meta s-sur Attard ġie l-ħanut tagħna jgħidilna li kien qed jipprova jaqbad lis-sinjura Kramer pero' ma kinetx qed twieġbu ...'*.[8]

Fuq mostoqsija tat-Tribunal, Simon Cilia ddikjara li Kramer kienet ser tħallas direttament lil missieru għal xi affarijiet li xrat għaliha personali, u kellha tħallas ukoll għall-*'ġarr biex l-affarijiet li kienet ser tieħu Reggio Calabria jinġarru mill-post fejn kienu ser jiġu storjati għal Reggio Calabria'*.[9]

Eventwalment, skond il-konvenut Simon Cilia, Kramer sparixxiet u ma għamlitx aktar kuntatt magħhom. Missieru baqa' mingħajr xi flus li kien silifha, u beda jirċievi l-kontijeit mingħand is-soċjeta` attriċi.

Fi kliem il-konvenut Simon Cilia, *'Għadni sallum ma nistax nifħem għaliex ma riedx iħallas il-papa'. Meta rċivejt il-kont jiena kont ċempilt lis-sur Attard kont ftehmt mal-mara tiegħi u l-mara tiegħi kienet aċċettat li dak l-ewwel kont li kien irċieva missieri ta` elf u xi ħaga ewro inħallsu jien minn buti. Jien ridt nagħlaq l-istorja għax il-mara tiegħi kienet għadha kemm kienet ma tiflaħx u missieri għandu l-eta`, u għalhekk kont ċempilt lis-sur Attard biex inħallsu dak l-ewwel kont ... biex nagħlaq l-istorja. Is-sur Attard talabni ittra ffirmata mill-papa illi l-għamara seta` jarmieħa. Il-papa' aċċetta ... Pero' jiena ġejt akkużat li kont kompliċi ... tlaqt mill-post tax-xogħol tiegħi, ċioe minn man-negozju mill-ħanut li jmexxi missieri r-Rex Footwear ...'*.[10]

---

[8] Fol. 43
[9] Fol. 43
[10] Fol. 44

Il-konvenut Simon Cilia qal fl-aħħarnett li l-kont ma ħallsux għaliex la l-għamara u lanqas il-post ma kienu tiegħu, u hu kien spiċċa bla xogħol, filwaqt li sa fejn jaf hu, l-għamara baqgħet ma ġietx distrutta.

Fix-xiehda tiegħu[11], il-konvenut **Saviour Cilia** ċaħad li huwa kien għamel xi negozju mas-soċjeta` attriċi, u nsista li n-negozju magħha għamlitu Kristina Kramer, il-persuna Taljana li xtrat l-għamara tiegħu. Skond hu, sar jaf mingħand Kevin Attard li s-soċjeta` attriċi kienet ġiet inkarigata biex tieħu l-għamara mingħandu, u żżommħa, għas-sinjura Kramer. Skond dan il-konvenut, Kevin Attard qatt ma tkellem miegħu fuq ħlas. Saviour Cilia qal li Kramer qatt ma ħallsitu tal-għamara.

Saviour Cilia ddikjara li meta kellmu s-Sur Attard dwar l-għamara, qallu li seta` jbiegħha jew jiddistruġġiha. Aċċetta li rċieva l-kontijiet mingħand is-soċjeta` attriċi, u qal li ma għamel xejn dwarhom.

Ikkunsidra wkoll li:

Minn dan il-kwadru ta` fatti, jidher ċar li m'hemmx kwistjoni li s-soċjeta` attriċi kienet inkarigata biex iġġorr l-għamara li kienet tappartjeni lill-konvenut Saviour Cilia minn fond fil-Belt Valletta, għal-lok ta` magazzinaġġ tagħha, biex imbagħad tieħu ħsieb tikkonsenjahom lill-akkwirenti Kramer fl-Italja. Il-kwistjoni bejn il-partijiet hija dwar l-identita` tal-persuna li kkuntrattat mas-soċjeta` attriċi għall-għoti ta` dawn is-servizzi. Is-soċjeta` attriċi tippretendi li l-kuntratt għamlitu maż-żewġ konvenuti; il-konvenut Simon Cilia bix-xiehda u l-komportament ta` dispjaċir tiegħu quddiem it-Tribunal wera ċar li jirritjeni li din il-kuntrattazzjoni saret bejn is-soċjeta` attriċi u l-konvenut missieru Saviour Cilia, u li hu aġixxa sempliċement ta` mandatarju, jew assistent, fl-interess ta` missieru li għandu l-eta`, filwaqt li l-konvenut Saviour Cilia jirritjeni li m'għandu x'jaqsam xejn f'din il-kuntrattazzjoni, u li l-inkarigu lis-soċjeta` attriċi ingħata mill-akkwirenti tal-għamara Kristina Kramer, li għalhekk għandħa ġġorr l-obbligu tal-ħlas

[11] 16.5.2017, fol. 46 *et seq.*

għall-istess. Is-soċjeta` attriċi jidħrilha li kkuntrattat maż-żewg konvenuti, u għalhekk għandhom jagħmlu tajjeb flimkien għall-ħlas sħiħ mitlub minnha.

*"Għal dak li huwa apprezzament ta` provi, il-kriterju mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemmin[hie]x dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanżi svarjati tal-ħajja ("Borg vs Bartolo" – Appell Inferjuri – 25 ta` Gunju 1980). Il-grad ta` prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f`moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderazza ta` provi meqjusa fuq bilanċ ta` probabilitajiet ("Caruana vs Laurenti" – Prim`Awla tal-Qorti Ċivili – 8 ta` April 1994 ; "Borg vs Manager ta` l-Intrapriża tal-Ħalib" – Prim`Awla tal-Qorti Ċivili – 17 ta` Lulju 1981; "Vassallo vs Pace" – Vol.LXX.II.144 u "Zammit vs Petrococchino" – Appell Kummerċjali – 25 ta` Frar 1952). Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, għandu jingħad : a) illi l-onus tal-prova jispetta lill-attur; b) illi għandha tinġieb l-aħjar prova; u ċ) illi l-Qorti għandha toqgħod fuq l-aħjar prova."*[12] Dan b'applikazzjoni tar-regoli tal-provi fil-liġi tal-proċedura ċivili, partikolarment l-**art. 559** u **562** tal-Kap. 12.

It-Tribunal, wara li xtarr ix-xiehda tar-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi fid-dawl tal-kontenut tal-korrispondenza li eżibixxa[13], u li għaddiet bejnu u l-konvenut Simon Cilia, u qies ukoll il-bixra u l-komportament tal-konvenuti waqt ix-xiehda tagħhom, jasal għall-konklużjoni li, fuq bilanċ ta` probabiltajiet, il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-konvenut Simon Cilia hija l-aktar waħda verosimili. It-Tribunal ma jarax kif il-konvenut Simon Cilia seta` kellu nteress jikkuntratta dan is-servizz mas-soċjeta` attriċi, għall-ġarr ta` għamara ta` missieru, li missieru ftiehem li jbiegħ lil terz, ħlief b'animu ta` assistenza u sapport lill-istess missieru, il-konvenut l-ieħor Saviour Cilia, tenut kont tar-relazzjonijiet ta` bejniethom bħala missier u iben, u kollegi tax-xogħol, u tal-eta` avvanzata tal-istess Saviour Cilia. Mill-banda 'l oħra, it-Tribunal jifhem id-diżappunt tal-konvenut Saviour Cilia li ma ġabarx il-flus li ħaseb li kien ser jiġbor mingħand min wiegħdu li ser jixtri l-għamara mingħandu. Pero' ma jistax jikkondividi l-fehma tal-

[12] **Michelangelo Cutajar et vs Emanuel Camilleri et**, Prim'Awla (JZM), 15.5.2014
[13] Fol. 26 sa 29

konvenut Saviour Cilia li, ladarba l-ġarr kellu jsir lejn id-destinazzjoni magħżula mill-akkwirenti, allura kien ser isir fl-interess tagħha, u allura hi responsabbli li tħallas lis-soċjeta` attriċi tas-servizz mogħti minnha.

Fil-verita`, jekk wieħed jgħaqqad il-verżjonijiet tal-partijiet kollha li xehdu f'din il-kawża, jifhem li l-għamara nġarret fl-interess, u fuq inkarigu, tal-konvenut Saviour Cilia, li diġa' kellu esperjenza tas-servizzi tal-ġarr mogħtija mis-soċjeta` attriċi. Il-komunikazzjoni saret mill-konvenut Simon Cilia, għax jaħdem ma' missieru, u għaliex ried jiffaċilita l-ġarr minħabba li missieru kellu pressjoni biex ibattal il-fond li kien jokkupa. Anke jekk il-konvenut kien serraħ rasu li l-ispejjeż tal-ġarr kien ser jiġborhom mingħand l-akkwirenti tal-għamara, u allura jiġi ma jinkorri ebda spiża, jibqa' l-fatt li s-servizz intalab fl-interess tal-konvenut Saviour Cilia, li fl-ebda mument ma ddikjara mas-soċjeta` attriċi li kien qed jikkuntratta magħha bħala mandatarju għat-terza persuna li kellha tixtri l-għamara mingħandu.

Dwar ir-rabta bejn il-mandatarju u t-terz meta l-istess mandatarju jonqos li jgħarraf lill-parti l-oħra li qed jikkuntratta f'isem ħaddieħor, l-**art. 1871** tal-**Kodiċi Ċivili** jipprovdi hekk:

> **1871.** (1) Meta l-mandatarju jkun aġixxa fl-isem tiegħu nnifsu, il-mandant m'għandux azzjoni kontra dawk li magħhom il-mandatarju jkun ikkuntratta, u lanqas dawn m'għandhom azzjoni kontra l-mandant.
> (2) Iżda, f'dan il-każ, il-mandatarju hu obbligat direttament lejn il-persuna li magħha kkuntratta daqs li kieku l-affari kienet tiegħu nnifsu.

Din id-disposizzjoni kienet studjata, u applikata, fis-sentenża **M.C.F. Company Limited vs Charles Buhagiar et**[14], fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili spjegat li *'biex persuna li tidħol f'kuntratt torbot lil ħaddieħor li tkun qiegħda tirrappreżenta, din trid tagħmilha ċara mal-parti l-oħra li qed taġixxi f'isem ħaddieħor, u turi lill-parti l-oħra, b'mod ċar l-identità tagħha; dak li l-Taljani jsejħulha spendita del nome, jew il-contemplatio domini.*[15] *Il-mandat irid jintwera jew espressament inkella għall-inqas b'mod li l-parti l-*

[14] 15.6.2016
[15] Vincenzo Roppo, Trattato del Contratto, 2006, Vol I, Formazione, paġna 761

*oħra tkun raġonevolment taf li tkun qed tikkuntratta ma' persuna li tkun qiegħda tidher għal ħaddieħor.*[16] *Fl-assenza ta` turija espliċita, huwa neċessarju u fl-istess ħin biżżejjed "un comportamento del rappresentante che, per univocità e concludenzia, sia idoneo a portare a conoscenza dell'altro contraente di diligenzia media"*[17] *- hekk imsejħa contemplatio domini per facta concludentia. "In conseguenza la rappresentanza può essere dedotta – oltre che da una dichiarazione espressa – da ogni altro elemento da cui risulti in modo inequivoco che l'attività del soggetto si svolga in attuazione di un potere rappresentativo a lui conferito." Jissokta jiġi preċiżat illi l-presunzjoni affermata fis-sentenza appena aċċennata kienet però waħda juris tantum u allura tammetti l-prova kuntrarja. Prova din li kienet tispetta lil persuna li kien qed jidher f'isem u għan-nom ta` persuna oħra. "Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qiegħed jaġixxi bħala mandatarju ta` ħaddieħor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien ġie a konoxxenza tal-persuna li magħha jkun qiegħed jikkuntratta" -* ***Lawrence Formosa nomine et nomine vs. Silvio Felice****, Appell, 6 ta` Ottubru, 1999. "Mhux biżżejjed allura li l-appellanti jistrieħ fuq is-sempliċi dikjarazzjoni tiegħu illi hu qatt ma innegozja mas-soċjetà attriċi f'ismu personali. Hu ħtieġlu li manifestament jipprova dan l-istess assunt tiegħu".*

It-Tribunal huwa tal-fehma li, f'dan il-każ, il-konvenut Saviour Cilia ma ppruvax sal-grad rikjest mil-liġi li s-soċjeta` attriċi kienet mgħarrfa, u aċċettat, li teżegwixxi dan l-inkarigu għat-terż akkwirenta tal-għamara. Għall-kuntrarju, jidher li l-inkarigu s-soċjeta` attriċi aċċettatu mingħand il-konvenut Saviour Cilia, u kien biss inċidentalment li saru negozjati bejnha u t-terz akkwirenta, minħabba li l-konsenja kellha ssir lilha fl-indirizz tagħha, u minħabba li l-konvenut laħaq ftiehem magħha li tagħmel tajjeb hi, fil-konfront tal-istess konvenut Saviour Cilia, għall-ispiża tal-ġarr. Dan pero' ma jbiddel xejn mit-termini tal-kuntrattazzjoni għall-ġarr bejn is-soċjeta` attriċi u l-konvenut Saviour Cilia.

---

[16] **Frank Cilia noe. vs. Charles Scicluna** (Ċit Nru 1337/90/JDC), deċiża mill-Qorti tal- Kummerċ fis-27 ta' April 1992; **Philip Galea Souchet vs. Michael Falla**, Appell Kummerċjali, 4 ta' Mejju, 1973; **Frank Cilia noe vs. Charles Scicluna** deċiża fis-27 ta' April, 1992, Qorti tal-Kummerċ, (Vol LXXVI.iv.673); **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs. Mark Grima** deċiża fit-30 ta' April, 1992,Vol. LXXVI iv 677
[17] Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, 20.10.2003, n. 15691, Mass. For. It. 2003

Kwantu għall-ħlas mitlub, is-soċjeta` attriċi tippretendi li għandħa jedd titħallas tas-servizz ta` ġarr eżegwit minnha, tas-servizz tal-ħażna bejn Jannar u Settembru 2016 u tal-ispiża tal-qirda tal-għamara.

Filwaqt li huwa konvint li s-soċjeta` attriċi għandħa jedd għall-ħlas tal-ewwel u t-tieni fattura eżibiti minnħa, ammontanti b'kollox għal €2,702.20c, li huwa inċidentalment l-istess ammont li s-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tiegħu bl-ittra legali tagħha tas-16 ta` Ġunju 2016 u bl-ittra uffiċjali tad-19 ta` Lulju 2016, it-Tribunal jidhirlu li mhux dovut l-ammont bilanċjali mitlub mis-soċjeta` attriċi bl-aħħar fattura datata 7 ta` Settembru 2016 billi s-soċjeta` attriċi kellha struzzjoni ċara sa mill-25 ta` Mejju 2016 biex tiddistruġġi din l-għamara. Is-soċjeta` attriċi kienet obbligata tnaqqas id-danni, u t-telf għaliha u għat-terzi, u ma tat ebda raġuni valida għalxhiex ma wettqitx l-istruzzjoni li kellha dwar id-distruzzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li jillibera lill-konvenut Simon Cilia mill-osservanza ta` dan il-ġudizzju, jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Saviour Cilia, u jilqa' limitatament it-talba attriċi kontra dan l-istess konvenut Saviour Cilia biss, u konsegwentement jikkundanna lill-istess Saviour Cilia jħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta` elfejn, seba' mija u żewġ Ewro u għoxrin ċenteżmu (€2,702.20ċ), bl-ispejjeż u bl-imgħax kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**